

Il-Papa Franġisku qed jistedinna sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex fi żminijietna n-nies tal-arti, permezz tad-doni tagħhom, jgħinu lil kulħadd jiskopri s-sbuħija tal-ħolqien.

**L-Ewwel Qari**: *Il-Papa Benedittu, waqt udjenza ġenerali f'Awwissu tas-sena 2011*

L-Arti mhijiex biss biex inkabbru l-kultura, imma hija mezz importanti sabiex ikollna esperjenza ta' Alla u biex insiru konxji tal-għatx kbir li għandu l-bniedem għall-infinità. Skultura, pittura, poeżija jew biċċa mużika jistgħu jqajmu fina ferħ meta nindunaw li dik l-opra tal-arti mhijiex biss biċċa rħam, kanvas miksi bil-kuluri, jew kliem jew noti fuq paġna. Hemm xi ħaġa akbar, xi ħaġa li tkellem u tmisslek qalbek. L-Arti għandha messaġġ u tgħollilek l-ispirtu. Hija bħal bieb miftuħ għall-infinità, lejn is-sbuħija u l-verità li jmorru lil hinn mir-realtà ta' kuljum.

Permezz tas-sbuħija tal-Arti wieħed jista' jħoss il-preżenza ta' Alla jew jista' wkoll isaħħaħ ir-relazzjoni tiegħu ma' Alla. Ta' spiss l-artist jipprova jiskopri t-tifsira vera jew aktar profonda tar-realtà permezz tal-lingwa ta' forom, kuluri u ħsejjes. L-Arti tista' tesprimi u turi iktar fid-deher il-ħtieġa tal-umanità, li tmur lil hinn minn dak li wieħed jista' jara, u b'hekk tikxef l-għatx u t-tfittxija li bniedem iħoss għall-infinit.

L-Arti tista' tiftħilna moħħna u qalbna, u tgħollina 'l fuq lejn is-sema. Ix-xogħlijiet artistiċi li jesprimu l-fidi u li huma ispirati mill-fidi, li l-artist innifsu għandu f'Alla, huma l-mogħdijiet li jwassluna għand Alla u li jħeġġuna biex nitolbu u jsaħħulna r-relazzjoni tagħna miegħu.

Mulej, Inti setgħan. Inti kbir bil-bosta.
Mulej, Int ħlaqt l-univers u lill-bniedem, frott l-imħabba tiegħek.
U lill-bniedem ħabbejtu b'imħabba liema bħalha.
Is-salmista jgħid: X'inhu l-bniedem biex int tiftakar fih,
bin il-bniedem, biex taħseb fih?
Ftit inqas mill-allat għamiltu, bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu,
qegħedtu fuq l-għemejjel kollha ta' jdejk! (Salm 8: 5-7)
Mulej inti ħlaqt lill-bniedem xbieha tiegħek
u għalhekk iħoss l-għatx għalik u jfittex biex jibni relazzjoni miegħek.

Bil-ħidma tagħhom l-artisti jgħallmuna naraw il-verità li hawn madwarna,
speċjalment meta naraw il-frott tal-ispirazzjoni tagħhom.
Dawn iqanqlu emozzjonjiet ta' stagħġib u ta' ferħ f'ħajjitna.
Agħmel Mulej li, permezz tat-tama u tal-viżjoni tagħhom,
l-artisti jfakkruna li l-ħajja hi rigal u hi wkoll qaddisa.
Għalhekk, Mulej, nitolbuk sabiex tbierek lil dawk l-artisti kollha
li huma ispirati mill-fidi nisranija,
ħalli huma jikkomunikaw messaġġ ta’ għaqda u komunjoni
permezz tat-talenti tagħhom.
Itfa' fuqhom Mulej l-Ispirtu tiegħek
ħalli qalbhom timtela bil-ferħ
u x-xogħol tagħhom jirrifletti l-ispirtu u l-imħabba tiegħek.
Jalla, permezz tax-xogħol tagħhom
u tal-ispirazzjoni li l-ispirtu tiegħek iqanqal fihom,
is-soċjetà tkun tista’ tilmaħ lilek bħala l-Verità, il-Ħajja u s-Sliem.
Nitolbuk ukoll sabiex l-artisti jiċċeniljaw id-don tal-inġenwità u tal-kreattività,
biex jesprimu jesprimu s-sabiħ li hemm fil-bniedem
u mhux il-vendetta jew qtigħ ta’ qalb jew emozzjonijiet aggressivi.
Jalla li permezz tat-tama u tal-viżjoni tagħhom,
l-artisti jfakkruna li l-ħajja hi rigal u hi wkoll qaddisa.

**KANT**

**It-Tieni Qari:** *Minn diskors ta' Papa Franġisku f'Diċembru 2016*

Il-Papa Franġisku jgħid li, permezz tas-sbuħija, l-artisti jagħmlu d-dinja post aħjar. Is-sbuħija, taħt il-ħarsien tal-artisti, għandha l-kapaċità li tbiddel anke l-ħajja ta' kuljum tal-bniedem. Dan qalu l-Papa Franġisku f'messaġġ li l-Kardinal Pietro Parolin wassal meta ppreżenta lill-artisti l-Pontifical Acadamies Award. Il-periti u l-pitturi, l-iskulturi u l-mużiċisti, id-diretturi tal-films u l-kittieba, il-fotografi u l-poeti, l-artisti ta' kull dixxiplina, huma msejħa sabiex juru s-sbuħija,

speċjalment fejn hemm id-dlam u l-griż fil-ħajja ta' kuljum. Huma l-kustodji tas-sbuħija u juru u jagħtu xhieda tat-tama lill-umanità.

Għalhekk nistedinkom sabiex tgħożżu s-sbuħija, għax is-sbuħija tfejjaq il-ħafna feriti li jimmarkaw il-qlub u l-erwieħ ta' ħafna nisa u rġiel ta' żminijietna. L-esperjenza tas-sbuħija hija importanti u fattur ewlieni fit-tfittxija tagħna għal sens u ferħ fil-ħajja. Din l-esperjenza teħlisna u tbiddlilna ħajjitna. Minn hawn joħroġ ix-xogħol importanti u neċessarju tal-artisti, l-iktar ta' dawk li huma Nsara u li jħallu l-fidi tagħhom u s-sbuħija tal-Evanġelju ta' Kristu jispirawhom. Permezz tas-sbuħija tax-xogħlijiet tal-arti li joħolqu, huma jwasslulna sinjal u xaqq ta' tama u fiduċja f'dinja fejn ħafna nies donnhom jafu joffru biss indifferenza u kruha.

Mulej, l-artist fix-xogħol tiegħu jipprova jesprima dak li jkun qed iħoss,
u allura jesprimi wkoll dak li qed ifittex biex jagħmel sens f'ħajtu.
L-artist jipprova joħloq xi ħaġa sabiħa,
u b'hekk ikun qed jaqsam mal-umanità l-esperjenza tiegħu ta' sbuħija.
Agħtina l-għajnuna biex is-sbuħija tal-ħolqien u tal-opri tal-Arti
jgħinuna biex nesperjenzaw tama u ferħ;
u din l-esperjenza li aħna nħossu meta naraw biċċa xogħol sabiħa tal-Arti,
kif qal il-Papa, tmissilna ħajjitna u tibdilhielna.
Għinna Mulej ħalli, permezz tal-Arti
l-ispirtu tal-bniedem jerġa' jiskopri t-triq
li twasslu biex jgħolli għajnejh 'il fuq
u jerġa' jibda joħlom dwar il-vokazzjoni tal-ħajja.
Mulej, l-artisti jfakkruna li l-essenzjal mhux li nieklu u nixorbu,
imma li l-ħajja fiha sens meta aħna nagħrfu nifthu qalbna
għal dawk kollha li hawn madwarna;
meta, fil-ħolqien tiegħek, nagħrfu napprezzaw is-sbuħija,
u b'hekk nagħrfu nħobbu lil xulxin u lill-ħolqien;
u b'hekk nipparteċipaw f'xi ħaġa li hi ta' kulħadd
u li tpoġġina f'relazzjoni u komunjoni ma' xulxin.
Għinna Mulej biex, permezz tal-opri tal-Arti

nagħrfu l-kobor tiegħek u l-imħabba tiegħek lejn il-ħajja,
biex b'hekk nerġgħu niskopru l-għeruq tat-tama tagħna
fit-tjubija u l-imħabba tiegħek, li jħaddnu u jmexxu kollox.
Dan jista' jwassalna biex infittxu l-għaqda miegħek u ma' ħutna l-bnedmin,
u b'hekk nagħrfuk bħala l-għajn tat-tama u tas-sliem tagħna.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

- Mulej, nitolbuk sabiex, permezz tas-sbuħija tal-ħolqien u tal-opri tal-Arti, tkebbes fina tama u ferħ u sabiex din l-esperjenza tmissilna ħajjitna u tibdilhielna.

  Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

- Mulej, int il-Ħallieq ta' kollox. Nitolbuk biex tbierek lill-artisti kollha. Berikhom u bierek ukoll it-talenti tagħhom biex, permezz tar-rigal tal-kreattività tagħhom, huma jagħmlu d-dinja post iktar sabiħ u jxerrdu l-ferħ madwarhom.

  Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

- Mulej, inti ħlaqtna xbieħa tiegħek biex nirriflettu t-tjubija; għin lilna lkoll u lill-artisti biex niżviluppaw il-kreattività tagħna u biex nużaw id-doni tagħna għall-glorja tiegħek u biex naqdu lil ta' madwarna.

  Nitolbu… Ismagħna nitolbuk Mulej.

- Mulej, nitolbuk tbierek lill-artisti kollha sabiex huma jużaw il-kuxjenza tagħhom huma u jħaddmu d-doni tagħhom, u biex meta jħossuhom waħedhom jew imdejqa, isibu l-kuraġġ u l-konsolazzjoni fil-preżenza tiegħek f'ħajjithom.

  Nitolbu… Ismagħna nitolbuk Mulej.

- Mulej, għinna sabiex permezz tal-Arti nifhmu li l-uniku mod kif nistgħu tassew inħossuna tajbin f'ħajjitna huwa billi nagħrfu nuru solidarjetà u komunjoni ma' ħutna l-bnedmin.

  Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

**KANT**